MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 871/2002

**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 31 t' Ottubru, 2003.**

**Kawza Nru: 3.**

**Citaz Nru: 871/02 JA.**

**L-Avukat Michael Grech bhala mandatarju tas-socjeta' estera Unileve plc ta' Port Sunlight, Wirral, Merseyside, Renju Unit.**

**-vs-**

**Mirachem International Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fid-29 ta’ Lulju, 2002 , li bih l-attur ppremetta:

Illi s-socjeta’ attrici ilha zmien twil tbiegh fuq is-suq lokali “washing liquid” ghall-hasil ta’ platti taht il-marka “SVELTO” fi flixken jew containers hodor “bil-label” u “get up” distintiv.

Illi s-socjeta’ konvenuta recentement bdiet tispacca merkanzija bhal dik tal-attur nominee u cioe’ “washing liquid” ghall-hasil tal-platt bl-isem “PRESTO PIATTI” bil-“label” u bil-“get up” li jinkorpora fih l-imsemmi isem fi flixken jew containers hodor liema “label” u “get up” huma kwazi identici ghall-dawk tas-socjeta’ attrici u huwa ghalhekk intizi biex joholqu konfuzjoni fis-suq ghad-dannu ta’ l-istess socjeta’ attrici.

U billi bhala konsegwenza ta’ dan l-air da parti tas-socjeta’ konvenuta mmontanti ghall-konkorrenza sleali s-socjeta’ konvenuta qed tohloq konfuzjoni fis-suq lokali mal-merkanzija tal-attur nomine b’ dannu ghan-negozju tal-istess attur nomine.

U billi b’ dan il-mod is-socjeta’ attrici qed ssoffri danni fin-negozju tahha tal-merkanzija fuq imsemmija.

Illi s-socjeta’ attrici otteniet il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni (Nru 1533/02 GV) kontra s-socjeta’ konvenuta li permezz tieghu giet inibita milli timporta, tesponi ghall-bejgh tipproduci, tinpakketta jew b’ xi mod iehor tispacca fuq is-suq lokali “washing liquid” ghall-hasil tal-platti bl-isem

“PRESTO PIATTI” u bil-“label” u bil-“get up” li jinkorpora fih l-imsemmi isem “PRESTO PIATTI” fi flixken jew “containers” hodor kif fuq inghad.

Ghalhekk l-attur nomine jitlob lill-din l-Onorabbi Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tinibiha milli timprota, tesponi ghall-bejgh, tipproduci, tinpakketta jew b’ xi mod iehor tispacca fuq is-suq lokali “washing liquid” ghall-hasil tal-platti bl-isem “PRESTO PIATTI” u bil-“label” u bil-“get-up” li jinkorpora fih l-isem “PRESTO PIATTI” li flixken jew “conainers” hodor.

2. Tikkundannah sabiex fi zmien qasir li tiffissa l-Qorti hi tikkonsenja lis-socjeta’ attrici il-prodotti, il-“containers” u t-tiketti kollha tal-prodotti bl-isem “PRESTO PIATTI” li jinsabu fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha sabiex dawn il-prodotti, “containers” u t-tiketti jinqerdu.

3. Tikkundanna sabiex fl-istess zmien qasir hija tirtira minghand il-grossisti, dettaljaturi jew persuni ohra l-istess prodotti “containers” u tiketti kollha tal-prodotti bl-isem “PRESTO PIATTI” u tikkonsenjhom lis-socjeta’ attrici biex jinqerdu.

4. Tiddikkjara responsabbli tad-danni kollha sofferti u illi qeda ssoffri is-socjeta’ attrici minhabba il-precitata konkorrenza sleali maghmula mis-socjeta’ konvenuta.

5. Tillikwida l-istess danni ollorrendo permezz ta’ perit nominand.

6. Tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallasha id-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-imghax legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1533/02 kontra s-socjeta’ konvenuta ngiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur nomine.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l- attur nomine;

Rat in-nota ta’ l-attur nomine li permezz taghha ceda l-mertu tal-kawza, izda zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti **tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet ta’ l-attur nomine**, u **tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------